# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 6**

**Ċitazzjoni numru 938/99 LSO**

**Mark Busuttil**

**v.**

**Sunroute Company Limited**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tas-soċjeta` konvenuta Sunroute Company Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru 2013, li permezz tiegħu qegħda titlob lil din il-Qorti biex <u>tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tilqa' l-eċċezzjoni tagħha</u> li hija qatt ma kienet debitriċi tas-soċjeta` Amex Co Ltd fis-somma ta' Lm10,377.36 iżda semmai f'somma ferm inferjuri, u li konsegwentement l-istess

soċjeta` Amex Co Ltd ma setgħet qatt tassenja lill-attur Mark Busuttil tali kreditu pretiż minnha; u biex tvarja l-imgħaxijiet u l-kap tal-ispejjeż b'mod li tiġi kkundannata tħallas biss l-imgħaxijiet fuq il-bilanċ inferjuri dovut minnha u l-ispejjeż biss a proporzjon tal-bilanċ inferjuri dovut minnha.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Marzu 1999 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona: -
>
> "Illi s-socjeta` konvenuta hi debitrici tas-socjeta` Amex Limited fis-somma ta' ghaxart elef tliet mija sebgha u sebgbin liri Maltin (Lm10,377.36) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' injam maghmul ghall-beneficcju tas-socjeta` Sun Route Company Limited li gie lilha kkonsenjat (ara *statement* Dokument A).
>
> "Illi bi skrittura tat-tlieta (3) ta' Dicembru 1997, (Dokument B) is-socjeta` Amex Ltd assenjat lill-attur odjern il-kreditu hawn fuq imsemmi li tvanta kontra s-socjeta` konvenuta.
>
> "Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata b'ittri ufficjali ta' Dicembru 1997 u ta' Frar 1999 bl-assenjazzjoni premessa u fl-istess waqt intalbet thallas id-debitu mertu ta' din il-kawza.
>
> "Illi s-socjeta` konvenuta kienet ukoll iffirmat tliet kambjali numerati 6, 7 u 8 bl-import rispettivament ta' Lm548.52, Lm545.48 u Lm542, l-import ta' liema huwa inkluz fil-kreditu assenjat lill-attur kif fuq jinghad u liema kambjali ma gewx onorati mis-socjeta` attrici.
>
> "Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta hi debitrici tal-attur fl-ammont ta' ghaxart elef tliet mija sebgha u sebghin liri Maltin (Lm10,377.36) kif fuq jinghad,
>
> "Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas lill-attur is-somma mitluba u dovuta minnha.
>
> "Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
>
> "Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tiddeciedi din il-kawza billi: -

"1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' ghaxart elef tliet mija sebgha u sebghin liri Maltin (Lm10,377.36), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' injam maghmul ghall-beneficcju tas-socjeta` Sun Route Company Limited u li gie lilha kkonsenjat, liema kreditu gie debitament assenjat lill-attur in forza ta' skrittura privata tat-3 ta' Dicembru 1997.

"Bl-imghaxijiet legali fuq il-kapital sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali ta' Dicembru 1997 u ta' Frar 1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

"Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-2 ta' Novembru 1999.

"Rat li s-socjeta` konvenuta pprezentat nota ta' ecezzjonijiet datata 25 ta' Awwissu 1999 a fol 12 tal-process.

"Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2000 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom. Il-Qorti ordnat lill-konvenut jissostitwixxi nota tal-eccezzjonijiet tieghu biex jaghmilha konformi mal-provediment tal-ligi. Il-Qorti ordnat lill-attur jipprezenta l-provi tieghu bis-sistema tal-affidavit fi zmien erbghin gurnata minn dan id-digriet.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet kif sostitwita tas-socjeta' konvenuta Sunroute Company Limited datata 4 ta' April 2000 (fol 39) fejn esponiet : -

"Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfundati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, *stante* illi, kontra dak allegat fic-citazzjoni in dizamine, is-socjeta' konvenuta qatt ma kienet debitrici tas-socjeta' Amex Company Limited fis-somma ta' ghaxart elef tliet mija sebgha u sebghin Lira Maltin (Lm10,377.36), izda semmaj f'somma ferm inferjuri, kif sejjer jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u konsegwentement l-istess socjeta' Amex Company Limited ma setghet qatt tassenja lill-attur kreditu allegatament dovut lilha mis-socjeta' konvenuta.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw il-kaz. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2006; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn b'Ordni ta' l-istess Qorti kif diversament presjeduta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2013.

"Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

"Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-12 ta' Dicembru 2013.

"Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

"**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

"Qabel xejn din il-kawza giet assenjata lil din il_Qorti kif attwalment presjeduta permezz ta' surroga datata 16 ta' Jannar 2013.

"Illi b'din il-kawza l-attur qed jfittex sabiex jithallas is-somma ta' Lm10,377.36 peress li qed issostni li bi skrittura datata t-tlieta (3) ta' Dicembru 1997 (**DOK A)**, is-socjeta' Amex Limited assenjatlu l-kreditu li kellha f'dan l-ammont kontra s-socjeta' konvenuta.

"Is-socjeta' konvenuta fis-sustanza eccepiet li l-ammont pretiz hu eccessiv.

"Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Permezz ta' skrittura privata datata t-tlieta ta' Dicembru 1997 (**DOK A** anness mac-citazzjoni), Amex Company Limited cediet il-kreditu taghha ta' Lm10,377.36 kontra s-socjeta` Sun Route Co Limited. Dan il-kreditu jirrapprezenta xoghlijiet ta' injam mahduma fis-Santana Hotel skont ftehim datat l-4 ta' Settembru 1995 (Dokti A u B a fol 49 u 50 tal-process) u erba' *invoices* (Dokti D1 - D4 a fol. 57 - 60 tal-process).

"**PROVI PRODOTTI**

"**Mark Busuttil**, l-attur, xehed b'affidavit[1] u qal li kien silef circa Lm15,000 lill-Amex Limited, li kienet il-kumpanija ta' missieru li kellha tithallas lura b'rata ta' 6% imghax. Ikkonferma l-ftehim fejn hu accetta li jigi assenjat id-dejn tal-kumpanija konvenuta bhala hlas komplet u finali ta' dak li kellu jiehu minn Amex Limited.

"**Carmel sive Charles Busuttil** xehed ukoll b'affidavit[2] u spjega li kien ifforma kumpanija gdida Amex Company Limited u kellu ftehim biex jiffinanzja lil Falzon & Bianchi Mobili Limited li kienet ghaddejja minn problemi finanzjarji. Din id-ditta kellha tesegwixxi l-appalti filwaqt li hu jipprovdi l-finanzjar. Din il-kumpanija hadet kuntratt ta' appalt mas-socjeta' konvenuta skont kuntratt **(Dokti A** u **B)** datat l-4 ta' Settembru 1995. Spjega li s-socjeta' konvenuta kienet mgharrfa dwar ir-ragunijiet ghalfejn Amex Company Limited kellha tkun hi kontraenti billi kien Busuttil li kien qed jiffinanzja l-operat ta' Falzon & Mobili. Tant hu hekk li l-ftehim originali, redatt minn Joe Sant f'isem Falzon & Bianchi, gie korrett billi minflok din il-kumpanija ddahhlet l-isem tal-Amex Co. Ltd.

[1] A fol. 44 tal-process.
[2] A fol.45-48 tal-process.

"Billi kien qed jiffinanzja d-dejn ta' Falzon & Bianchi, inkluz pagi, kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali tal-haddiema, spejjez talli zdied in-numru ta' impjegati, permessi u kredituri, kellu bzonn, ghal ragunijiet ta' likwidita`, jissellef Lm15,000 minghand ibnu Mark Busuttil, l-attur f'din il-kawza.

"Sadanittant, Joe Sant, ghas-socjeta` konvenuta talab *quotations* ohra. Dawn l-appalti ma sarux bi skrittura. L-attur esebixxa erba' *invoices* (**DOK D1 - D4** a fol 57 - 60) kollha mahruga fuq Amex Company Limited bin-numri u fl-ammonti segwenti:-

"96/Mar/01 Lm22,204.20 li jirreferi ghall-ewwel kuntratt.

"96/Mar/02 Lm 4,959.00

"96/Mar/03 Lm 7,468.10

"96/06 Lm 2,009.45

"L-ewwel tlett *invoices* igibu d-data tas-7 ta' Marzu 1996 u l-ahhar hu datat it-28 ta' April 1996. Dawn l-*invoices* jirreferu ghall-kwotazzjonijiet maghmula minn Falzon & Bianchi Mobili Limited.

> ""*Fuq dan ix-xoghol u invoices Sunroute Co Ltd hallset lil Amex Co Ltd xi depoziti akkont, fuq l-ewwel kuntratt ghamlu wkoll 24 kambjala u l-bilanci kellhom jithallsu skont skedi miftehma."*"

"Xehed li s-socjeta' konvenuta kienet moruza fil-hlas kemm tal-flus dovuti kif ukoll tal-kambjalijiet tant li kellu jixtri lura xi kambjalijiet mill-Bank biex ma jkomplix jehel l-imghaxijiet.

"Rigward il-Kambjala Nru 6, qal li ghaddieha lil Alfred Bianchi u lill-Foreman Paul Agius Cutajar peress li kienu jkunu kuljum is-Santana Hotel, u dan biex jigbru l-pagament minghand l-accountant tas-socjeta` konvenuta. Izda dawn baqghu jghidu li ma rcevewx flus.

"Ma regax fdahom u kiteb lil Joe Sant fil-5 ta' Mejju 1996 biex jinfurmah li l-pagamenti tax-xoghlijiet miftehma bejniethom "*and <u>extensions</u> thereof" (*__DOK E__ a fol 61*)* kellhom isiru lil Amex Co. Limited. Hu ghadda din l-ittra personalment lill-accountant mal-ewwel 3 *invoices* datati 7 ta' Marzu 1996. Fil-5 ta' Gunju 1996 rega' kiteb ittra ohra fl-istess sens li tirreferi ghal 4 *invoices* fuq riferiti u ghall- *invoice* 96/07 u tghid li l-pagamenti ghandhom isiru lil Amex Compay Limited (**Dok E1** a fol.62). Din l-ittra hija indirizzata lil Franco Vella li kien il-*financial controller* tas-socjeta' konvenuta.

"Qal "*Sa certu punt jien qbilt mal-bilanc muri* ***f'DOK G*** *(a fol. 67) hlief li l-vaur fl-Invoice 96/06 kien ta' Lm2,009.05 mhux Lm1,629.55, u li barra minn hekk kienu hallsuni Lm2,000 ohra b'cekk no 568. Ma' dawk il-pendenzi ghandhom jizdiedu l-valur tat-tliet kambjali Nru. 6,7 u 8 li*

*taghhom ma thallastx u li flimkien igibu total ta' Lm1,636. Dan igib it-total dovut ta' Lm10,136.00."*

"Esebixxa kopji tal-kambjali numru 7 u 8 **(DOK H)** filwaqt li l-kambjala nru 6 mhux f'idejh.

"Qal li Alfred Bianchi qatt ma kellu l-awtorita' li jorbot lil Amex Co Ltd.

"In **Kontro ezami** kkonferma li **d-dokument J** a fol 69 (li hu l-istes bhal DOK A anness mal-iskrittura ta' cessjoni mac-citazzjoni) gie redatt minnu. Qal li ma kienx jaf li l-import tat-tliet kambjalijiet 6, 7 u 8 thallsu lil Falzon & Bianchi Mobili Limited fuq struzzjonijiet ta' Alfred Bianchi. Qal li kien inkariga lil Paul Agius Cutajar u Alfred Bianchi biex jigbru l-flus tal-kambjala numru 6. Din il-kambjala qatt ma regghet giet f'idejh.

"Qal li c-cekk numru 568 ma kienx jirrapprezenta pagament fuq kambjali imma fuq *invoices.*

"Qal li fuq l-ewwel ftehim Falzon & Bianchi ma dahhlux fil- pagamenti peress li sar depozitu u l-bilanc kellu jithallas f'import ta' kambjalijiet. Anzi l-hlas kellu jsir direttament lill-Bank peress li l-kambjalijiet gew iggirati. Gieli kien jghid lil Bianchi biex jigbru xi cekk ghalih peress li kien difficli ghalih li joqghod imur sal-hotel *Santana* biex jigbor flusu. Kienu jigbruhomlu u jdahhluhom fil-kont bankarju.

"Hu qabel li l-pozizzjoni muri fuq **DOK J** hija ezattament dak li kellha tiehu Amex Company Limited u qal li Falzon & Bianchi qatt ma ghaddewlu pagamenti direttament fuq dan id-dokument izda gieli gabrulu cekkijiet u ddepozitawhom direttament fil-kont tieghu.

"Xehed **Alfred Bianchi**[3] u qal li flimkien ma Charles Busuttil kienu fformaw Amex Limited li fih kellu l-maggoranza tal-ishma Charles Busuttil. Charles Busuttil kien johrog il-flus biex imexxi, ghall-materjal u pagi u x xhud kellu jiehu hsieb ix-xoghol. Il-makkinarju u l-fabbrika kienu tax-xhud. Il-ftehim mas-Sunroute kien ma' Amex Company Limited. Kienu jinnegozjaw ma' Joe Sant u l-hlas sar permezz ta' kambjali li kienu jithallsu fix-xahar. Dawn kienu jinzammu minn Charles Busuttil u kienu jghajtu lil Amex Company Limited. Hu kien jigbor il-pagamenti ghal Amex. Ic-cekkijiet tas-Sunroute kienu pagabbli lil Amex.

"L-ahhar zewg cekkijiet kienu pagabbli lix-xhud personalment ghaliex Busuttil u iehor, Charles Mercieca, kienu ghamlu xi gimghat ma jersqux lejn il-fabbrika u kellu xi spejjez tal-fabbrika li jhallas. Charles Busuttil kien saqsieh jekk gabarx il-pagamenti u hu nformah li kellu jhallas il-pagi u materjal biex jahdmu. Ma kienx awtorizzah imma wara qallu bihom. Dak iz-zmien ma kienx oggezzjona.

[3] Xhieda a fol. 140 et.seq.tal-process.

“Is-socjeta' konvenuta kienet ilmentat fuq il-*waiter stations* li kienu difettuzi. Kienu rrangaw xi haga imma Charles Busuttil qabbad mastrudaxxa iehor u kien anke ried jehodhom lura izda Sunroute kienu qed jahdmu bihom u zammewhom.

“**In kontro ezami** qal li qatt ma kien registrat bhala *partner* jew azzjonist f'Amex Company Limited. Ma kienx qed johrog kontijiet ghall-istess ammonti ta' Amex taht il- kumpanija tieghu Falzon & Bianchi Mobili Limited.

“Rega’ xehed[4] fejn qal li meta kien jigbor il-flus ghan-nom tal-Amex dawn kienu f'cekkijiet li kienu probabbilment intestati favur Amex Company Limited.

“Meta qal lil Sunroute biex tohrog pagamenti f'ismu bhal ma xehed qabel, dan ghamlu ghax kien hemm xi pagi li kellhom jithallsu u kien mar ghand il-kumpanija konvenuta li kienet tafu bhala l-persuna li qed taghmillha x-xoghol ordnat minnha, u hallsitu. Kien gharraf lil Busuttil b'dan.

“B'riferenza ghal cekk pagabbli lil Falzon & Bianchi (**DOK SC1** a fol 79) dan kien jirrigwarda kambjali.

“Riferibbilment ghac-cekk a fol. 23 (DOK B - numru 453 datat 25 ta Jannar 1996) qal li l-flus ittiehdu ghall-hlasijiet tax-xoghlijiet li kienu qed isiru ghall-kumpanija konvenuta u kien iddepozitahom fil-kont tal-Amex. Kellu f'idejh id- *deposit book* tal-kumpanija.

> “"*Diment li konna ghadna naghmlu x-xoghlijiet li kienu jintalbu mill-kumpanija konvenuta ahna, jigifieri Falzon & Bianchi Mobili Ltd u Amex Ltd bqajna bl-istess arrangament, jigifieri li jsir x-xoghol fuq bazi fifty - fifty. Ix-xoghol isir fil-fabbrika taghna u minn nies taghna.*"”

“Gie muri **DOK ABD** datat 3 ta' Lulju 1996 li hija ittra interpellatorja mibghuta ghan-nom ta' Falzon & Bianchi u qal li wara ghalaq iz-zmien tal-ewwel kuntratt kien inqala' dizgwid bejnu u Charles Busuttil u kien ghamel tentattiv biex jitkellem mal-konvenuti direttament biex ix-xoghol jaghmluh huma. "*Nghid pero` li fil-kuntratti wara l-ewwel wiehed tal-4 ta Settembru 1995, is-Sur Busuttil kien xorta dahal involut biex jipprovdi finanzjament ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratti li sehhew wara.*"

“In **ri-ezami** qal "li Busuttil kien tah struzzjonijiet biex ma jaccettax hlas f'isem Falzon & Bianchi b'riferenza ghax xoghol fit-tieni, tielet u r-raba` kuntratt, pero` "*meta rajt li l-pagi ma kienx hemm fondi biex jithallsu u allura qbadt u hadd l-inizzjattiva li nitlob li jinhargu l-pagamenti direttament lill-kumpanija rapprezentata minni.*" Qal li b'dan gharrfu lil Charles Busuttil ghax ma kienx baqa' igib il-flus biex ihallas il-pagi. Meta qallu b'dan inqala’ argument bejniethom u Busuttil hareg mill-fabbrika.

---

[4] Seduta tat-8 ta' Novembru 2004 a fol. 179 et.seq.

"Xehed **Kevin Agius**[5] li kien il-*Financial Controller* tal- lukanda Santana bejn 1995 u 1998. Charles Busuttil kien dahal fi ftehim "*permezz tal-kumpanija tieghu"* biex jahdem ghamara ghall-lukanda u kien inhareg sensiela ta' kambjali ghal hlas tal-bilanc. "*Minn dak li jiena ghadni niftakar jirrizultali li s-sur Busuttil jekk miniex sejjer zball permezz tal-kumpanija li kien jisimha Amex Ltd kien ghamel aktar minn kuntratt wiehed ghall-appalti differenti fl-inhawi ta' l-istess lukanda."*

"Riferibbilment ghall-kuntratt ewlieni (**DOK B)** qal li kien gie xi hadd li kien ikun fil-kumpanija ta' Charles Busuttil bil-kambjala numru 6 u qallu biex johrog il-pagament fuq Falzon & Bianchi minflok Amex Ltd. Hareg cekk ghas-saldu ta' tliet kambjalijiet (6, 7 u 8) li kienu immaturaw kif approvat mid-direttur tal-kumpanija li kienet tmexxi l-lukanda. Inghata biss il-kambjala numru 6 u sakemm baqa' jahdem mal-lukanda it-tnejn l-ohra ma gewx ritornati.

"Sa fejn kien jaf din kienet l-unika okkazzjoni fejn ma hallsux lil Amex.

"In **kontro-ezami** xehed: "*Jiena naqbel li barra l-kuntratt ewlieni ta' l-appalt li kien sar fl-1995 kien hemm xi kuntratti ta' appalti ohrajn. Jekk mhiniex sejjer zball dawn kienu iffirmati ma' Falzon & Bianchi nghidu dan mill-memorja ghax niftakar li kienu jidhru talbiet ghall-hlas bil-letterhead ta' Falzon & Bianchi."* Ma deherlux li hargu pagamenti favur Amex Ltd dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' appalti anzi qal li "*Il-pagamenti fuq it-tieni u t-tielet appalti hargu favur Falzon & Bianchi."* Dwar pagamenti fuq l-appalti sussegwenti kien jircievi struzzjonijiet mid-diretturi tal-kumpanija biex jipprepara c-cekkijiet.

"Xehed **Franco Vella**[6] General Manager mas-socjeta` konvenuta. Qal li parti mis-somma tal-appalt kienet koperta bil-kambjalijiet. Kien ircieva struzzjonijiet minghand Charles Busuttil rigwardanti l-persuna li kellha tircievi l-hlasijiet tal-kuntratt tal-appalt. Kien hemm korrispondenza wkoll f'dan is-sens li Sunroute ma tohrogx cekkijiet izjed f'isem Falzon & Bianchi.

"B'riferenza ghal **DOK E1** a fol 62 tal process fejn ukoll Charles Busuttil ghamel enfasi li l-pagamenti jsiru lil Amex Ltd. Din l-itttra taghmel riferenza ghall-estensjonijiet tal-appalt *"u ghall-invoices li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-Amex Ltd."*

"Qal li kienu kkomunikaw ma' Charles Busuttil peress li kellhom riservi dwar il-fatturi **DC1** sa **DC4** billi kienu jafu lil Falzon & Bianchi. Ikkonferma li rcevew l-ittra minghand Charles Busuttil immarkata E2 a fol 63 tal-process datata 19 ta Gunju 1996 u x'aktarx kien baghat *statement* lil Charles Busuttil tal-hlasijiet li kienu saru taht dak il-kont.

---

[5] Xhieda a fol. 157 et.seq. tal-process.
[6] Xhieda a fol.162 et.seq.tal-process.

“Riferibbilment ghal **DOK G** a fol. 67 tal-process qal li dak ghall-inqas f'dak li hu printjat huwa d-dokument li baghtu lil Charles Busuttil u n-notamenti bl-idejn saru minn Kevin Agius.

“**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

“Ic-cessjoni ta' kreditu hija regolata bl-artikoli 1469 *et seq* tal-Kodici Civili.

“Illi **l-Artikolu 1471** jesigi li jkun hemm notifika lid-debitur u testwalment jipprovdi: “*ic-cessjonarju ma jistax, kwantu ghal terzi, jezercita l-jeddijiet lilu ceduti, hlief wara li c-cessjoni tkun giet mgharrfa lid-debitur b’att gudizzjarju, mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent*.”

“L-Artikolu **1469** jispjega kif issir tali cessjoni u jistipula li: *“ic-cessjoni jew bejgh ta’ kreditu, ta’ jedd, jew ta’ azzjoni hija perfetta, u l-proprjeta` taghha tigi akkwistata ipso jure mic-cessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz*”.

“Illi rigward l-imsemmija materja l-esponenti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **“Emmanuela sive Lily Schembri vs Marco Aroyo”** (P.A. 16 ta’ Dicembru 1949) li fiha wiehed isib insenjament interessanti dwar it-taghrif ta’ cessjoni ta’ kreditu. Fl-imsemmija sentenza l-Qorti kienet tal-opinjoni illi m’hemmx ghalfejn li l-iskrittura ta’ cessjoni nnifisha tigi notifikata izda hu bizzejjed li tigi notifikata s-sustanza tal-konvenzjoni. Fl-istess sentenza gie kwotat l-awtur **Laurent** li jghid “*E inutile far conoscere al debitore e ai terzi le clausole del contratto, che interessano soltanto le parti contraenti. L’unica cosa che essi abbiano interesse di sapere e’ il fatto della cessione del credito. Ecco tutto quanto che deve essere notificato al debitore. Cosi` la pensano tutti gli scrittori; e la giurisprudenza ha consacrato questa opinione.”*

“Jirrizulta mill-ewwel nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata mis-socjeta' konvenuta (fol 13) li giet notifikata bic-cessjoni b'ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 1999. B'effett tac-cessjoni tad-dritt, perfezzjonata bit-taghrif rikjest ic-cessjonarju ma jibqax izjed il-kreditur.

“**Kambjali**

“Hu risaput li il-kambjali jikkostitwixxu mhux biss it-titolu ghall-pagament imma wkoll iservu ta’ ricevuta tal-hlas taghhom. Issa jinsab deciz illi “*Id-debitur tal-kambjali ma jistax jirrifjuta l-pagament lill-possessur hlief fil-kaz ta’ telf tal-kambjala jew ta’ falliment tal-possessur”.* (**Kollez. Vol. XXIX P I p 1366**).

*“A contario sensu,* d-debitur mhuwiex obbligat li jhallas diment li l-kambjala ma tigix prezentata ghall-hlas (artikolu 194 tal-kap 13) u jekk tibqa' ma tigix prezentata u fid-data tal-maturita`, id-debitur ghandu

jiddepozita l-ammont taht l-awtorita` tal-Qorti kompetenti (artikolu 196 tal-Kap.13).

"**APPREZZAMENT TAL-PROVI**

"Mill-provi prodotti jirrizulta li l-ewwel appalt sar bejn Amex Company Limited u s-socjeta' konvenuta. Jirrizulta mill-provi li Joe Sant, li kien il-firmatarju ghas-socjeta' konvenuta, kien edott mill-fatt li Charles Busuttil, *tramite* l-Amex, kien qed jiffinanzja Falzon & Bianchi Mobili Limited. Il-funzjoni ta' din is-socjeta' kienet biex tesegwixxi x-xoghlijiet appaltati ghall-Amex Company Limited. Dan il-fatt kien spjegat u ccarat lil Joe Sant sa mill-bidu nett.

"Jirrizulta li wara l-ewwel appalt, saru xi appalti ohra evidenzjati mill-*invoices* mahrugin fuq Amex Company Limited **(Dokti D2-D4)**. Dwar dawn l-ahhar appalti, it-tezi tal-attur hu kontradett mis-socjeta' konvenuta (ara xhieda ta' Franco Vella li xehed li kellhom riservi dwar l-'extensions' imsemmija fil-korrispondenza ricevuta minn Amex Co. Ltd).

"Madanakollu jirrizulta li Charles Busuttil kien imur personalment biex jigbor il-pagamenti, jitkellem mal-*accounting staff* tas-socjeta' konvenuta dwar hlas, jikkorrispondi maghhom u anke involva ruhu personalment biex jipprova jirrimedja xi ilmenti li kellha s-socjeta' konvenuta dwar il-kwalita` tax-xoghol mahdum fuq l-appalti sussegwenti ossia *extensions.*

"Difatti dawn il-lanjanzi jirrigwardaw *waiter stations* li huma imsemmija fl-invoice **DOK D2** li johrogu minn kwotazzjoni ta' Falzon & Bianchi numru 815 tad-9 ta' Frar 1996 (kwotazzjoni mhux esebita) u li, allura, huma komprisi fl-apparti sussegwenti ghal dak ta' Settembru 1995. Dan hu ikkonfermat anke mix-xhieda ta' Alfred Bianchi li ghamel riferenza ghall-isforzi ta' Charles Busuttil biex jikkuntenta lis-socjeta' konvenuta dwar il-*waiter stations* u li kien anke offra biex jehodhom lura. Li kieku s-socjeta' konvenuta ma kellhiex relazzjoni guridika mal-Amex Co. Ltd ma kenitx tinnegozja ma' Charles Busuttil dwar dawn il-*waiter stations.*

"Il-Qorti hija ghalhekk soddisfatta li l-appalti kollha murija fid-dokument a fol 7, anness mal-iskrittura ta' cessjoni, li jikkorrispondi mad-**Dokument J** a fol 69, jirrifletti l-appalti li saru bejn is-socjeta' konvenuta u Amex Company Limited. Din is-socjeta' kienet konsapevoli li l-pagamenti kellhom isiru lil Amex Company Limited u jekk hallset lil Falzon & Bianchi Mobili Limited, dan ghamlitu irregolarment.

"Ma jirrizultax mill-provi li Amex Company Limited kienet awtorizzat lil Sun Route biex thallas lil Falzon & Bianchi Mobili Limited. Fuq l-ewwel kuntratt, hu minnu li Alfred Bianchi kien iffirma flimkien ma' Charles Busuttil, izda Bianchi ffirma l-appalt "obo Amex Company Limited" u mhux f'ismu personali. *Inoltre* **Franco Vella** wkoll ikkonferma li kien

hemm korrispondenza fis-sens li Sunroute ma tohrogx cekkijiet izjed f'isem Falzon & Bianchi.

“Gew esebiti mhux biss *invoices* mibghuta minn Amex **(Dokti D1-D4)** fejn hemm imnizzlin l-istruzzjonijiet li "*payment to be made to Amex Co. Ltd",* u kliem simili, imma wkoll korrispondenza varja f'dan is-sens (Dokti E, E1).

“Ma jiswiex ghalhekk ghas-socjeta' konvenuta li ttenni li hallset pagamenti lil Falzon & Bianchi Mobili Limited fuq dawn l-appalti u li ma hemm xejn dovut lil Amex Co. Limited ghaliex ir-relazzjoni guridika giet mahluqa bejnha u bejn Amex Co. Ltd mhux ma' Falzon & Bianchi Mobili Ltd anke fir-rigward tal-appalti sussegwenti.

“Anke meta xehed Alfred Bianchi, ikkonferma li meta talab il-pagament mis-socjeta` konvenuta, dan ghamlu ghaliex kellu l-pagi xi jhallas u gharraf lil Busuttil b'dan. Pagamenti ohra li saru b'cekkijiet indirizzati lil Falzon & Bianchi gew akkreditati fil-kont tal-Amex Co Limited, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Charles Busuttil u minn Dok J minnu redatt. Bianchi kellu d-*deposit book* tal-kont tal-Amex f'liema kien jiddepozita l-hlasijiet li gew mghoddija lilu.

“Huwa minnu li Alfred Bianchi qal li avvicina lill-kumpanija konvenuta u talab il-hlas direttament, izda b'dan ma jassolvix lis-socjeta` konvenuta mir-rabta obbligatorja li kellha mal-Amex ghaliex dan ghamlu minghajr l-awtorizzazzjoni u kunsens tal-kreditur.Anzi ic-cekkijiet li harget is-socjeta' konvenuta f'isem Falzon & Bianchi Mobili Ltd inhargu kontra l-istruzzjonijiet tal-Amex.

“Il-Qorti tqis li s-socjeta' konvenuta kienet *put on notice* ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi li kull pagament mhux awtorizzat kien ser jigi reklamat minn Charles Busuttil ghan-nom tal-Amex Company Limited. Dan kellu jservi biex jikkonferma li l-appalti saru mas-socjeta` Amex. Kien ikun ben altru jekk ma kinetx mgharrfa dwar ir-relazzjoni bejn l-Amex u Alfred Bianchi, proprio jew ghan-nom tal-kumpanija tieghu , izda dan ma kienx il-kaz u ghazlet biex tinjora dawn il-fatti a riskju taghha.

“**PAGAMENTI DOVUTI**

“Jekk wiehed jifli l-kalkolu tal-pendenzi dovuti fuq l-appalti li saru kemm mis-socjeta' konvenuta **(DOK G)**[7] kif ukoll minn Charles Busuttil **(DOK J)** id-differenza pjuttost tirrigwarda t-tliet kambjalijiet in kwantu ic-cekkijiet esebiti mis-socjeta` konvenuta li hargu a favur ta' Falzon & Bianchi gew depozitati fil-kont tal-Amex u ttiehdu in konsiderazzjoni minn Charles Busuttil.

“Difatti Charles Busuttil xehed "*Sa certu punt jien qbilt mal-bilanc muri **f'DOK G** (a fol. 67) hlief li l-valur fl-Invoice 96/06 kien ta' Lm2,009.05*

[7] Ikkonfermat minn Franco Vella a fol 162 et seq.

*mhux Lm1,629.55, u li barra minn hekk kienu hallsuni Lm2,000 ohra b'cekk no 568. Ma dawk il-pendenzi ghandhom jizdiedu l-valur tat-tliet kambjali Nru. 6, 7 u 8 li taghhom ma thallastx u li flimkien igibu total ta' Lm1,636. Dan igib it-total dovut ta' Lm10,136."*

"B'differenza ma' dan, is-socjeta' Sun Route Company Limited tghid li hallset it-tliet kambjali 6, 7 u 8 b'cekk numru 776 (**Dok SC1** a fol 79).

"Rigward il-kambjala numru 6 Charles Busuttil ikkonferma li ghaddieha hu stess lil Alfred Bianchi u inkarigah biex jigbor il-pagament. Din il-kambjala tinsab f'idejn is-socjeta' konvenuta (fol 80) izda Busuttil baqa' ma rcieva ebda pagament. Madanakollu ghadda l-pussess tal-kambjala lil Bianchi u d-debitur kellu obbligu li thallas lill-pussessur kontra l-kunsinna tal-istess kambjala. Il-Qorti ghalhekk tifhem li din il-kambjala giet saldata.

"L-istess argument mhuwiex applikabbli ghaz-zewg kambjali l-ohra li ghandhom l-import komplessiv ta' Lm1,087.48. Is-socjeta` konvenuta kellha jew thallas dan l-ammont lil Amex Co Limited li baqghet fil-pussess taghhom, altrimenti tiddepozita s-somma taht l-awtorita' tal-Qorti jekk kellha xi gustifikazzjoni legali biex ma thallasx lill-kreditur direttament. Dan ma ghamlitux u ghandha titqies li ghadha skoperta. L-ammont ta' Lm1,087.48 ghadu dovut bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala.

"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis li t-talbiet attrici huma sostanzjati sal-grad rikjest mil-Ligi hlief ghall-ammont ta' Lm548.52 li thallset regolarment fuq il-Kambjala Numru 6.

"Ghalhekk l-ammont dovut lil Amex Co Limited qed jigi hawn likwidat fl-ammont ta' Lm8,377.36 + Lm545.48 (kambjala nru. 7) + Lm542 (kambjala numru 8) - Lm9,464.84 ekwivalenti ghal €22,047.15.

"**<u>IMGHAXIJIET</u>**

"Rigward l-imghaxijiet reklamati fl-ammont ta' Lm364 ekwivalenti ghal €847.90 dawn gew ikkalkolati *ai fini* ta' Dok J sat-3 ta' Dicembru 1997 izda ma giex spjegat mill-attur mil-liema data gew ikkalkolati.

"Kif gie ribadit fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Gatt MBE vs Francis Vella"** (A.K.XXXII.i.505 – 28 ta' Frar 1994):-

> *""L-interessi huma dovuti mill-gurnata li fiha l-obbligazzjoni kellha tigi adempita jekk din hija ta' natura kummercjali.""*

"Ghalhekk l-imghaxijiet fuq il-kambjali huma dekoribbli mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, cioe`, numru 7 (€1,270.62 gja Lm545.48) mill-5 ta' Mejju 1996, u numru 8 (€1,262.52 gja Lm542) mill-5 ta' Gunju 1996.

"Riferibbilment ghall-imghaxijiet fuq il-bilanci tal-appalti fl-ammont komplessiv ta' €19,513.99 (gja Lm8,377.36) dawn ser jigu aggudikati mit-28 ta' April 1996 li hija d-data murija fuq l-ahhar *invoice* D4.

"**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tilqa'** it-talbiet attrici fis-sens li:-

"1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, u sebgha u erbghin ewro u hmistax-il centezmu (€22,047.15) skont kif spjegat taht is-sezzjoni intestata "*Pagamenti Dovuti*" rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' injam maghmul ghall-beneficcju tas-socjeta` Sun Route Company Limited u li gie lilha kkonsenjat, liema kreditu gie debitament assenjat lill-attur in forza ta' skrittura privata tat-3 ta' Dicembru 1997.

"Bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Mejju 1996, salv ghall-imghax dekorribbli fuq il-kambjalijiet numru 7 u 8 liema, kif gie spjegat taht is-sezzjoni intestata "Imghaxijiet",ghandu jibda jghodd mid-data ta' maturita` ta' kull kambjala, sad-data tal-pagament effettiv.

"L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' konvenuta".

**<u>RIKORS TAL-APPELL tas-soċjeta` konvenuta Sunroute Company Ltd (02.01.2014):</u>**

3. Is-soċjeta` konvenuta Sunroute Company Ltd ħassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha. Tispjega li l-aggravju tagħha jirrigwarda l-<u>apprezzament tal-fatti u tal-liġi</u> li għamlet l-ewwel Qorti. L-ilmenti tagħha huma dawn:

- <u>Dwar il-kuntratt prinċipali tal-4 ta' Settembru 1995:</u>

Hija ma tikkontestax li l-kuntratt prinċipali ta' appalt, datat 4 ta' Settembru

1995, sar bejnha u bejn is-soċjeta` Amex Co. Ltd (minkejja li x-xogħlijiet tal-injam mertu tal-appalt saru mis-soċjeta` Falzon & Bianchi Ltd) pero` tikkontesta l-bilanċ pretiż fir-rigward għas-segwenti raġunijiet:

(i) Tagħmel riferenza għal **Dok G** (fol 67) li juri kif mill-ammont inizjali ta' Lm22,204.20, wara li tnaqqsu l-ħlasijiet li għamlet (Lm12,626.60, Lm1,930.80 u Lm2,000) ġie miżjud l-ammont ta' Lm1,040.60 bħala imgħax, b'mod li l-bilanċ ġie ta' Lm6,687.40. Hija tilmenta li ma kellux jiżdied tali imgħax ta' **Lm1,040** għaliex il-kambjali dejjem tħallsu regolarment u f'waqthom, u allura l-bilanċ fir-rigward tal-ewwel kuntratt kellu jkun Lm5,657.40. Tilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti ma aċċettatx din it-teżi.

(ii) B'referenza għal **Dok J** (fol 69) u senjatament dwar l-ammont ta' **Lm1,636** rappreżentanti import ta' tlett kambjali (nru 6 fl-ammont ta' Lm548.52, nru 7 fl-ammont ta' Lm545.48, u nru 8 fl-ammont ta' Lm542) hija tispjega li fil-fatt għaddiet ċekk fl-ammont ta' Lm1636.45 indirizzat lil "Falzon & Bianchi" lil Alfred Bianchi. Għalkemm tirrikonoxxi li l-kambjali kellhom jitħallsu lil Amex Co. Ltd, tispjega li Alfred Bianchi kien ikkonvinċiha toħroġ tali ċekk fuq isem "Falzon & Bianchi" minflok fuq isem Amex Co Ltd, kif anke ġie kkonfermat fix-xiehda tiegħu. Taċċenna għax-xiehda ta' Kevin Agius fejn spjega kif wara li kien inħareġ l-imsemmi ċekk kien ingħata lura biss il-kambjala numru 6, u mhux ukoll dawk numru 7 u

8. Tilmenta li kienet erronja l-ewwel Qorti meta ddeċidiet li kien biss l-ammont ta' Lm548.52 (il-kambjala nru 6) li tħallas minnha.

- <u>Dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' kuntratti:</u>

Fir-rigward tat-tlett kuntratti sussegwenti għal dak prinċipali, is-soċjeta` konvenuta appellanti ssostni li dawn ma sarux mas-soċjeta` Amex Co. Ltd iżda mas-soċjeta` Falzon & Bianchi Ltd u ssostni li kien għalhekk li ħarġet iċ-ċekkijiet relattivi fuq Falzon & Bianchi Ltd.

Taċċenna għall-kontro-eżami ta' Alfred Bianchi fejn qal li s-soċjeta` Falzon & Bianchi Ltd kienet ħarġet il-quotations lis-soċjeta` konvenuta, u li fil-ħin li kienet qed toħroġ il-kontijiet, Amex Co Ltd kienet ukoll qed toħroġ l-istess kontijiet.

Tispjega li kien inqala' l-inkwiet bejn Amex Co Ltd u Falzon & Bianchi Ltd iżda mbagħad kien intlaħaq ftehim fis-sens li ċ-ċekkijiet li kienet qed tirċievi s-soċjeta` Falzon & Bianchi Ltd ġew ġirati fuq Amex Co Ltd. Issostni li tant hu hekk li fid-Dok J ir-riferenza għall-pagamenti ta' Lm2,009.05, Lm1,189.55 u Lm2,000 li hija għamlet lis-soċjeta` Falzon & Bianchi Ltd jidhru bħala ħlasijiet li għamlet lil Amex Co Ltd. Targumenta li fejn is-soċjeta` Amex Co Ltd jaqbilha (għax kienet waslet ma' Falzon & Bianchi) tgħid li rċeviet il-flus, u fejn le tgħid li għad hemm ħlas x'tirċievi

fir-rigward tat-tlett kuntratti.

- Dwar l-assenjazzjoni tal-kreditu u imgħax lill-attur:

Dwar l-assenjazzjoni tat-3 ta' Diċembru 1997 is-soċjeta` konvenuta tissottolineja l-fatt illi għalkemm l-attur xehed li ma jiftakarx jekk il-kreditu ta' Lm10,377.36 kienx ikkontestat minnha, missieru stess (Charles Busuttil) xehed li kien qal lil ibnu li fil-fatt kien hemm kontestazzjoni.

Iżżid tgħid li kif irrilevat quddiem l-ewwel Qorti, is-somma ta' Lm10,377.36 tinkludi l-ammont ta' Lm364 (assenjat lil Mark Busuttil) li huwa imgħax u mhux kapital. Tikkummenta wkoll illi f'każ li din il-Qorti jidhrilha li dan l-imgħax huwa dovut, jibqa' l-fatt li wieħed ma jistax jippretendi imgħax fuq imgħax, kif ipprovat tagħmel is-soċjeta` Amex Co Ltd.

**RISPOSTA TAL-APPELL tal-attur Mark Busuttil (20.02.2014):**

4. L-attur appellat wieġeb biex jgħid li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma. Il-punti li ressaq huma dawn:

- Kwistjonijiet ta' fatt:

Jibda' biex jgħid illi mhux ikkontestat li l-kuntratt tal-4 ta' Settembru 1995 huwa bejn is-soċjeta` konvenuta u s-soċjeta` Amex Co Ltd. Jenfasizza li bejn il-partijiet u firmatarji kien ċar illi filwaqt li x-xogħlijiet tal-injam kellhom isiru fiżikament mis-soċjeta` Falzon & Bianchi Ltd, l-appalt kien ingħata lil Amex Co Ltd li kienet tiffinanzja lil Falzon & Bianchi Ltd. Għalhekk isostni li r-relazzjoni ġuridika hija proprju bejn is-soċjeta` konvenuta u s-soċjeta` Amex Co Ltd; konsegwentement is-soċjeta` Falzon & Bianchi Ltd hija terza persuna fil-konfront ta' tali kuntratt.

- <u>Ħlas lil terza persuna:</u>

Ikompli jgħid illi ladarba s-soċjeta` Falzon & Bianchi Ltd hija terza persuna, is-soċjeta` konvenuta appellanti ma tistax tippretendi illi l-ħlasijiet magħmula minna lis-soċjeta` Falzon & Bianchi Ltd mingħajr l-awtorizzazzjoni espressa ta' Amex Co Ltd, jistgħu jitqiesu li saru b'sodisfazzjoni tal-kreditu ta' Amex Co Ltd. F'dan ir-rigward jirreferi għall-Artikolu 1152 tal-Kodiċi Ċivili.

Konsegwentement fir-rigward taċ-ċekk fl-ammont ta' Lm1,636.35 isostni li tali ħlas ma sarx lis-soċjeta` Amex Co Ltd. Iżid jgħid li huwa rrilevanti għas-soluzzjoni tal-vertenza l-allegazzjoni li tali ħlas sar erronjament jew inkonxjament.

- Imgħaxijiet:

B'referenza għal-Dok G u l-ammont ta' Lm1,040.60 li s-soċjeta` Amex Co Ltd inkludiet bħala interessi fuq il-kambjali, isostni li mhux minnu dak li tgħid is-soċjeta` konvenuta appellanti u cioe` li hija dejjem ħallset il-kambjali regolarment u f'waqthom.

- Kuntratti sussegwenti:

Finalment jaċċenna għall-fatt illi minkejja l-fatt li kien hemm appalti sussegwenti għal dak tal-4 ta' Settembru 1995, ma ġiet iffirmata l-ebda skrittura oħra. Iżid jgħid li l-kuntratt tal-4 ta' Settembru 1995 sar bl-antiċipazzjoni ta' xogħlijiet oħra li kellha tiġi inkarigata minnhom is-soċjeta` Amex Co Ltd u għalhekk kien mifhum sa mill-bidu nett li l-kuntratt tal-4 ta' Settembru 1995 kellu eventwalment jiġi estiż skont l-istess arranġament. Jargumenta illi meta s-soċjeta` konvenuta talbet xogħlijiet oltre minn dawk deskritti fil-kuntratt tal-4 ta' Settembru 1995, u talbet kwotazzjonijiet fir-rigward, kienet konoxxenti tal-fatt li r-relazzjoni ġuridika kienet baqgħet mas-soċjeta` Amex Co Ltd. Konsegwentement isostni li ma kellha l-ebda dritt li tiddeċiedi li toħroġ il-pagamenti dovuti lis-soċjeta` Amex Co Ltd favur is-soċjeta` Falzon & Bianchi Ltd.

**PROVI:**

5. Peress li dan l-appell huwa ppernjat fuq l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi li nġabru f'din il-kawża.

6. **Charles Busuttil** xehed[8] illi fl-1995 kien direttur tas-soċjeta` Amex Co Ltd, u f'isem l-istess Amex Co Ltd kien qiegħed f'negozjati ma' Alfred Bianchi (ta' Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd), mal-MDC u mal-METCO biex tiġi fformata kumpanija ġdida li tieħu f'idejha l-fabbrika ta' Falzon & Bianchi Ltd; dan għaliex minkejja li kienet **falluta** kellha potenzjal li taqla' l-flus jekk titħaddem sew. Waqt li kienu għadhom għaddejjin tali trattattivi, is-soċjeta` konvenuta Sunroute Co Ltd riedet lil Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd tagħmlilha xogħol tal-injam għal-lukanda "Hotel Santana". Spjega li din kienet opportunita` tajba ta' xogħol u għalhekk (avolja kienu għadhom ma ġewx finalizzati t-trattattivi msemmija) ġie miftiehem li Amex Co Ltd tidħol għas-soċjeta` Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd fis-sens li hija (Amex Co Ltd) tiffinanza l-proġett u Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd jaħdmu x-xogħlijiet tal-injam għas-soċjeta` konvenuta Sunroute Co Ltd. **Qal li kienu spjegaw din ir-retroxena lil Joe Sant tas-soċjeta` konvenuta Sunroute Co Ltd u għalhekk għalkemm ix-xogħlijiet tal-injam kellhom isiru mis-soċjeta` Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd, il-kuntratt**

[8] Affidavit fol 45-48

**tal-appalt (<u>Dok A+B</u>) datat 4 ta' Settembru 1995[9], sar bejn is-soċjeta` konvenuta Sunroute Co Ltd u s-soċjeta` Amex Co Ltd. Il-prezz tax-xogħlijiet ġie indikat bħala Lm19,308** (liema ammont ma jinkludix VAT). Kif wieħed jista' jara, għalkemm is-soċjeta` konvenuta oriġinarjament irrediġiet il-kuntratt bħala wieħed bejnha (Sunroute Co Ltd) u bejn is-soċjeta` Falzon & Bianchi Co Ltd, dan ġie alterat b'mod li ġie wieħed bejnha u bejn is-soċjeta` Amex Co Ltd.

7. Charles Busuttil spjega li biex seta' jsir il-proġett Amex Co Ltd kellha toħroġ ħafna flus: biex jitħallsu l-liċenzji tal-pulizija ħalli l-fabbrika ma tingħalaqx, biex jitħallsu l-kontijiet tad-dawl għax l-elettriku kien maqtugħ, biex jitħallsu materjal u pagi tal-ħaddiema eċċ. Qal li saħansitra Amex Co Ltd isselfet iktar minn Lm15,000 mingħand l-attur, li jiġi ibnu.

8. Kompla jgħid illi wara li ġie ffirmat il-kuntratt tal-appalt tal-4 ta' Settembru 1995, is-soċjeta` konvenuta riedet iktar xogħol tal-injam u talbet xi stimi. Qal li "*Bianchi tah il-quotations wara li ddiskuta miegħi*". Qal ukoll li Joe Sant għas-soċjeta` konvenuta aċċetta l-quotations u reġa' rrediega kuntratt ta' appalt ma' Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd.

> *"Bianchi ġabuli u wara li għamilt l-alterazzjonijiet biex il-kuntratt isir f'isem Amex Co Ltd, iffirmajtu, żammejt kopja, u tajt l-oħra lil Bianchi ħalli jiffirmaha u jgħaddiha lil Joe Sant. Dan kien il-kuntratt li jidher bħala* ***Dokument C***[10] *bil-quotations nos 805, 806, 807, 808 attaċċjati*

---

[9] **<u>Dok A+B</u>**, fol 49-50; fuq dan id-dokument jidhru l-firem ta' Joe Sant, Alfred Bianchi u Charles Busuttil.
[10] **<u>Dok C</u>**, fol 51-52

*miegħu*[11]*".*

9. (Id-**Dok C** fuq imsemmi, datat 10 ta' Frar 1996, fejn il-prezz huwa indikat fl-ammont ta' Lm6,494, eskuż il-VAT, ma ġiex iffirmat mis-soċjeta` konvenuta)

10. Busuttil xehed li Joe Sant għamel **ordinijiet oħra** bbażati fuq quotations magħmula fuq il-letterhead ta' Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd.

11. Spjega li s-soċjeta` konvenuta ħallset lis-soċjeta` Amex Co Ltd xi depożiti u fuq l-ewwel kuntratt iffirmat 24 kambjala, u l-bilanċi kellhom jitħallsu skont skedi mifthema. Jilmenta li s-soċjeta` konvenuta ma kinitx iżżomm mad-dati tal-pagamenti u ma kinitx tħallas il-kambjali fil-ħin. Kien xeba jitkarrab għal flusu, u meta kien imur ikellem lil Joe Sant dan kien iħallih jistenna ħin twil biex imbagħad fl-aħħar jiġi jkellmu xi skrivan u jgħidlu li ma kellhomx flus.

12. Isemmi li waqt li x-xogħol kien għadu qed jiġi stallat, Alfred Bianchi u/jew il-foreman Paul Agius Cutajar kienu jkunu fuq il-post (il-lukanda) u darba waħda tahom kambjala nru 6 biex jiġbru ċ-ċekk tagħha mingħand l-accountant tas-soċjeta` konvenuta, iżda dawn qalulu li ma rċevewx flus. Għalhekk huwa fil-5 ta' Marzu 1996 kiteb ittra lil Joe Sant (**Dok E)**[12] li fiha

[11] Quotations, **Dok C1-C4,** fol 53-56
[12] **Dok E**, fol 61

fakkru li l-pagamenti għandhom isiru lis-soċjeta` Amex Co Ltd. Qal li din l-ittra ħadhielu huwa stess u għaddiha lill-accountant flimkien mal-ewwel tliet invoices li jġibu d-data tas-7 ta' Marzu 1996.

13. Fil-fatt is-soċjeta` Amex Co Ltd ħarġet erba' invoices, li ġew esebiti bħala **Dok D1 sa D4**[13] u huma kollha fuq letterhead tas-soċjeta` Amex Co Ltd. Kif xehed Busuttil, l-ewwel tlieta huma datati 7 ta' Marzu 1996, u r-raba' waħda hija datata 28 ta' April 1996. Id-dettalji fuq tali invoices huma kif muri hawn taħt:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Dok D1<br>Invoice<br>96/Mar/01 | 7th March 1996 | Contract 04.09.1995<br><br><br><br>Deposit paid<br>Bills of Exchange paid<br>Paid on account<br><br><br>Balance due | Lm 19,308.00<br>Lm 2,896.20 (VAT)<br>Lm 22,204.20<br><br>Lm 1,930.80<br>Lm 11,586.00<br>Lm 2,000.00<br>Lm 15,516.80<br><br>**Lm 6,687.40** |
| Dok D2<br>Invoice<br>96/Mar/02 | 7th March 1996 | Falzon & Bianchi quotation<br>815-09.02.96<br><br><br><br>Paid on account<br><br>Balance due | Lm 4,300.00<br>Lm 645.00 (VAT)<br>Lm 4,945.00<br><br>Lm 1,300.00<br><br>**Lm 3,645.00** |
| Dok D3<br>Invoice<br>96/Mar/03 | 7th March 1996 | As per draft agreement 10.02.96 & approved quotations<br>805,806,807, 808<br><br><br><br>Deposit paid<br>Payable on completion | Lm 6,494.00<br>Lm 974.00 (VAT)<br>Lm 7,468.10<br><br>Lm 2,000.00 |

[13] **Dok D1-D4**, fol 57-60

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | Payable after 60 days | **Lm 3,571,70**<br>**Lm 1,896.40** |
| Dok D4 Invoice 96/06 | 28th April 1996 | As per contract no 816 | Lm 1,747.00<br>Lm 262.00 (VAT)<br>Lm 2,009.05<br><br>**Lm 2,009.05** |

14. Busuttil kompla jgħid li l-istruzzjonijiet li kien ta lil Joe Sant fl-ittra tal-5 ta' Marzu 1996 reġa' rrepetihom lil Franco Vella, il-Financial Controller, f'ittra datata 5 ta' Ġunju 1996 (**Dok E1**[14]). Jgħid li l-ittri **Dok E2 u Dok E3**[15] juru kemm ġera biex jiġbor il-flus tal-kambjali u biex iċ-ċekkijiet ikunu pagabbli lil Amex Co Ltd biss.

15. Xehed illi meta kien imur biex jiġbor xi flus Franco Vella kien jgħidlu li kien hemm xi affarijiet li kellhom jitranġaw u hu kien jgħid lil Alfred Bianchi biex jara li dawn jitranġaw, fosthom il-waiter stations. Xehed illi fejn ma wasalx Alfred Bianchi (għax kien isostni li x-xogħol kien skont il-ftehim u skont is-sengħa) huwa kien anke qabbad mastrudaxxa ieħor biex jikkuntenta lis-soċjeta` konvenuta, iżda jgħid li Franco Vella ma riedx jaf:

> *"Wera li kienu biss skużi u baqa' jaqla xi skuża jew oħra u jaċċenna li ma kienx bi ħsiebu jħallas il-prezz kollu tagħhom. Jien għidtlu li jekk veru mhux sodisfatt kont lest neħodhom lura kollha. Dan ma aċċettax u filwaqt li ried iżomm il-waiter stations baqa' jġib kull skuża biex ma jħallasx."*

16. Qal li l-istorja tal-pagamenti baqgħet titwal u fl-aħħar is-soċjeta`

---

[14] **Dok E1**, fol 62
[15] **Dok E2 u E3**, fol 63, 64

konvenuta għamlet is-suġġeriment tagħha dwar il-bilanċ li skont hi kellu jitħallas wara li jitnaqqas l-ammont li skont hi jirrappreżenta xogħol difettuż. F'dan ir-rigward jirreferi għal **Dok F1**[16] u **Dok F**[17].

17. **Dok F1** (datat 10 ta' Ottubru 1996), li hija ittra (ossia claim) ffirmata minn Franco Vella f'isem is-soċjeta` konvenuta, u indirizzata lis-soċjeta` Amex Co Ltd, tgħid illi mill-ammont dovut minnha fir-rigward tal-kuntratt tal-4 ta' Settembru 1994 għandu jitnaqqas l-ammont ta' Lm3,291:

> *"It has been agreed with Mr Alfred Bianchi that the following items are of unacceptable level to the hotel and therefore the company understakes that these amounts are to be deducted from the final payment due on contract dated 4th September 1996 (value of contract amounts to Lm19,308 excluding VAT)".*

| Item | Ref | Amount Lm | Vat Lm | Total Lm |
|---|---|---|---|---|
| 7 waiter stations | 96-Mar-02 | 1820 | 273 | 2093 |
| 4 doors<br>2 partitions toilet | 96-Mar-02 | 760 | 114 | 874 |
| 1 kitchen door | 96-Mar-03 | 282 | 42 | 324 |
| | | | | **3,291** |

18. Charles Busuttil jikkummenta illi Alfred Bianchi (li jissemma' fl-ittra) ma kellu l-ebda awtorita` jorbot lis-soċjeta` Amex Co Ltd, iktar u iktar meta dejjem sostna li x-xogħol kien tajjeb. Inoltre josserva li l-ammonti ta' Lm2,093 u Lm874 kienu mill-invoice nru 2, li kienet diġa mħallsa in full, u l-ammont ta' Lm324 kien mill-invoice nru 3 fejn kien għad baqa' bilanċ akbar x'jitħallas.

[16] **Dok F1**, fol 66
[17] **Dok F**, fol 65

19. **Dok F** (datat 28 ta' Novembru 1997) imbagħad tindika l-bilanċ ta' Lm3,205 li skont is-soċjeta` konvenuta kien dak dovut minnha:

| | | |
|---|---|---|
| Balance as per A/cs | 5,943.05 | + |
| less final BOE | 486.23,7 | |
| add interest | 1,040.00 | |
| | **6,496.82** | - |
| less w/off | 3,291.00 | |
| **Final settlement** | **3,205.82** | |

20. Charles Busuttil qal li huwa la qabel mal-claim ta' Lm3,291 u lanqas mal-figuri l-oħra u għalhekk talab statement lill-accountant. **Dok G**[18] huwa l-istatement li ġie ppreżentat lilu.



FALZON & BIANCHI - AMEX CO. LTD.
STATEMENT I.R.O WORKS CARRIED OUT AT HOTEL SANTANA

| DATE | DOC. NO | DETAILS | DR | CR | BALANCE |
|---|---|---|---|---|---|
| ~~0~~7.03.96 | 96/MAR/01 | Main Contract | | 22204.20 | 22204.20 |
| | | Interest on BOE | | 1040.60 | 23244.80 |
| | | BOE Signed | 12626.60 | | 10618.20 |
| | VIB | Deposit | 1930.80 | | 8687.40 |
| | 453 | On A/c | 2000.00 | | 6687.40 |

| DATE | DOC. NO | DETAILS | DR | CR | BALANCE |
|---|---|---|---|---|---|
| 07.03.96 | 96/MAR/02 | Waiter Stations/Partitions | | 4945.00 | 4945.00 |
| | 529 | Deposit | 1300.00 | 0.00 | 3645.00 |
| | 738 | Final Payment | 3645.00 | | 0.00 |

| DATE | DOC. NO | DETAILS | DR | CR | BALANCE |
|---|---|---|---|---|---|
| 07.03.96 | 96/06 | Variuos Doors/Windows | | 1629.55 | 1629.55 |
| | 736 | Deposit | 1189.55 | 0.00 | 440.00 |

| DATE | DOC. NO | DETAILS | DR | CR | BALANCE |
|---|---|---|---|---|---|
| 07.03.96 | 96/Mar/03 | Various Doors/Windows | | 7468.10 | 7468.10 |
| | 641 | Deposit | 2000.00 | 0.00 | 5468.10 |
| | 737 | On A/c | 2597.64 | | 2870.46 |

9997.86
CHQ 508 (2000.00)
CHQ 663 (1500.00)
Lm 6 497.
Doc G
67

18 Dok G, fol 67

21. Dwar dan id-dokument Busuttil jgħid li:

> *"sa ċertu punt jiena qbilt mal-bilanċi tiegħu kif jidher f'**Dok G**, u fejn ma qbitx kien li l-valur fl-invoice no 96/06 kien Lm2000 u mhux LM1629.05 u li barra minn hekk kienu ħallsuni Lm2000 oħra b'ċekk nru. 568. Ma dawk il-pendenzi għandhom jiżdiedu l-valur ta' tlett kambjali nri 6, 7 u 8 li tagħhom ma tħallastx u li flimkien iġibu total ta' Lm1636. Dan iġib it-total dovut ta' Lm10,136.00".*

22. Dwar it-tliet kambjali li jsemmi (nru 6, 7 u 8) jgħid li dawk bin-numru 7 u 8 baqgħu ma tħallsux, filwaqt li fir-rigward ta' dik bin-numru 6, għalkemm spiċċat f'idejn is-soċjeta` konvenuta, il-ħlas ma sarx lis-soċjeta` Amex Co Ltd. Huwa esebixxa **Dok J**[19] juri kif wasal għall-ammont ta' Lm 10,377.36 mertu ta' dawn il-proċeduri. Jispjega li ibnu Mark Busuttil (li kien silef Lm15,000 lis-soċjeta` Amex Co Ltd) kien għad baqagħlu jieħu mingħand Amex Co Ltd is-somma ta' Lm10,377.36 (li tinkludi parti interessi) u għalhekk biex taqta' tali dejn is-soċjeta` Amex Co Ltd assenjat din l-istess somma lilu għas-saldu ta' kull debiti u interessi dovuti lilu minn Amex Co Ltd.

[19] Dok J, fol 69; kontro-eżaminat ikkonferma li dan id-dokument ġie redatt minnu

Doc J. ~~68~~ 69

Statement showing how amount owing by SUN ROUTE CO. LTD to AMEX CO. LTD as at 3.12.1997 was arrived at:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Invoice No: 96/MAR/01 | Balance due | | Lm6687.40 |
| Invoice No: 96/MAR/02 | Balance due | NIL | |
| Invoice No: 96/MAR/03 | Balance due | | Lm2870.40 |
| Invoice No: 96/06 | Lm2009.05 | | |
| Deposit paid | Lm1189.55 | Balance due | Lm 819.50 |
| | | | Lm10377.36 |
| Paid by cheque No: 568 | | | Lm 2000.00 |
| | TOTAL BALANCE DUE FROM CONTRACTS | | Lm 8377.36 |

ADD Amount due from three Bills of Exchanged not honoured:

| | | |
|---|---|---|
| B/E No. 6 | Lm 548.52 | |
| B/E No. 7 | Lm 545.48 | |
| B/E No. 8 | Lm 542.00 | Lm1636.00 |
| TOTAL DUE | | Lm10136.00 |
| ADD Part Interest due being assigned to Mark Busuttil | | Lm 364.00 |
| TOTAL AMOUNT ASSIGNED TO MARK BUSUTTIL | | Lm10377.36 |

23. L-attur **Mark Busuttil** fl-affidavit tiegħu[20] kkonferma li huwa kien silef lis-soċjeta` Amex Co Ltd is-somma ta' Lm15,000 bl-interessi ta' 6% fis-sena. Spjega li wara li tlesta x-xogħol tas-Santana Hotel (tas-soċjeta`

[20] Fol 44

konvenuta) missieru Charles Busuttil kien qallu li s-soċjeta` Amex Co Ltd kien fadlilha tieħu madwar Lm10,000 mingħand is-soċjeta` konvenuta. Qal li s-soċjeta` konvenuta kienet qegħda tikkaġuna ħafna nkwiet lil missieru sabiex tħallas il-bilanċ, u peress li kien ibati bil-pressjoni aċċetta li d-dejn li s-soċjeta` konvenuta kellha fil-konfront ta' Amex Co Ltd jiġi assenjat lilu bħala ħlas komplet u finali tas-self li kien għaddielha.

24. Il-ftehim ta' assenjazzjoni tal-kreditu lil Mark Busuttil, li Amex Co Ltd allegatament kellha kontra s-soċjeta` konvenuta[21] sar fit-3 ta' Diċembru 1997. Ġie dikjarat hekk:

> *"Illi l-komparenti Amex Co Ltd qegħda tassenja a favur tal-komparenti Mark Busuttil, li min-naħa tiegħu qiegħed jaċċetta, id-debitu dovut mis-soċjeta` Sunroute Co Ltd lill-komparenti Amex Co Ltd, liema debitu jammonta għas-somma ta' ….Lm10,377.36, bl-imgħaxijiet kummerċjali dovuti rappreżentanti prezz ta' xogħol ta' injam magħmul għall-benefiċċju ta' u konsenjat lil Sunroute Co Ltd.*
>
> *"Illi din l-assenjazzjoni qegħda ssir għas-saldu ta' kull ammont dovut mill-komparenti Amex Co Ltd lill-komparenti Mark Busuttil u għaldaqstant il-komparenti Mark Busuttil qiegħed jiddikjara illi m'għandu l-ebda pretenzjoni kontra l-komparenti Amex Co Ltd."*

25. **<u>Alfred Bianchi</u>** fix-xiehda tiegħu[22] kkonferma li l-arranġament bejnu u bejn Charles Busuttil kien illi Amex Co Ltd toħroġ il-flus għall-materjal u l-pagi tas-soċjeta` Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd u Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd taħdem ix-xogħol tal-injam għas-soċjeta` konvenuta. Ikkonferma li l-fabbrika ma setgħetx timxi mingħajr l-iffinanzjar ta' Amex

---

[21] Fol 5-6
[22] xiehda tad-19 ta' April 2002, fol 140 et seq

Co Ltd. Ikkonferma li l-appalt fil-fatt sar mas-soċjeta` Amex Co Ltd. Ikkonferma wkoll li kienu ħarġu numru ta' kambjali li jgħajtu lil Amex Co Ltd, liema kambjali kienu jitħallsu fix-xahar. Qal li l-kambjali kienu għand Charles Busuttil. Qal li s-soċjeta` konvenuta kienet tħallas billi toħroġ iċ-ċekkijiet fuq Amex Co Ltd, għalkemm qal li kienet anke għamlet xi pagamenti lilu:

> "*….kien hemm ċertu spejjeż tal-fabbrika, qed tifhem, bħal pagi u materjal li kelli bżonn, għaddejt għandhom għax għamilnilhom xi xogħol ieħor wara, u tawni xi flus biex inkompli għaddej bihom jiena*."

26. Qal li kien informa lil Charles Busuttil u dak iż-żmien kien qabel miegħu.

27. Kontro-eżaminat[23] u muri kopja ta' ċekk datat 1 ta' Ġunju 1996 maħruġ fuq isem Falzon & Bianchi fl-ammont ta' Lm1,636.45, qal li tali ċekk kien jirrappreżenta ħlas ta' kambjali. Ikkonferma li kien hemm il-firma tiegħu fuq in-naħa ta' wara. Mistoqsi jekk meta ngħata tali ċekk kienx ħa l-kambjali 6, 7 u 8 miegħu, qal "*ma naħsibx*". Qal ukoll li ċ-ċekk jista' jkun li jirrappreżenta x-xogħlijiet żejda li kienu ntalbu jagħmlu.

28. Mistoqsi jekk il-kuntratti li saru wara l-ewwel kuntratt sarux direttament ma' Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd u mhux ma' Amex Co Ltd, wieġeb "*bħalissa ma nistax niftakar, minix f'qagħda illi nagħti tweġiba*

[23] kontro-eżami tat-18 ta' Novembru 2005, fol 179 et seq

*definittiva*." **Qal pero` illi l-Amex Co Ltd baqgħet involuta biex tipprovdi l-finanzjament għall-eżekuzjoni tal-kuntratti.**

> "*Qed niġi mistoqsi jekk il-flus illi tħallsu mill-kumpanija konvenuta wara t-tieni, t-tielet u r-raba kuntratti, jiġifieri mhux dan il-kuntratt illi kien kopert b'kambjali, konniex żammejnihom aħna u ma daħħlux fil-fond komuni tal-Amex Ltd, ngħid illi probabbilment żammejnihom aħna.*"

29. Rieżaminat qal li s-sur Busuttil kien tah struzzjonijiet biex ma jaċċettax pagamenti fuq isem il-kumpanija Falzon & Bianchi pero` meta ra li ma kienx hemm fondi biex jitħallsu l-pagi ħa l-inizjattiva li jitlob li jinħarġu l-pagamenti direttament lis-soċjeta` Falzon & Bianchi.

> "*Meta lis-sur Busuttil għarraftu b'dan, kien qiegħed preżenti fil-fabbrika tagħna u meta għarraftu inqala' argument bejnietna u ħareġ 'il barra*."

30. **<u>Kevin Agius</u>**[24], financial controller tal-lukanda Santana bejn l-1995 u l-1998, fix-xiehda tiegħu kkonferma li kien hemm ftehim mal-kumpanija ta' Charles Busuttil fir-rigward ta' xogħol ta' għamara li kellu jsir għal-lukanda. Ikkonferma wkoll li meta kienu jimmaturaw il-kambjali relattivi għall-appalt Busuttil kien jgħaddi biex jiġbor il-flus:

> *"meta kien ikun hemm il-flus jiena kont inħallsu tagħhom…..kien hemm ċirkostanzi fejn għalkemm kienu immaturaw il-kambjali, is-sur Busuttil ma konniex ħallasnih mal-ewwel u dan għaliex ikun hemm kredituri oħrajn li jkunu jistennew qablu."*

31. Xehed ukoll li jekk ma kienx sejjer żball, Charles Busuttil permezz tal-kumpanija Amex Co Ltd "*kien għamel aktar minn kuntratt wieħed*

[24] Xiehda tat-28 ta' Ottubru 2003, fol 157 et seq

*għall-appalt differenti fl-inħawi tal-istess lukanda*."

32. Dwar iċ-ċekk fl-ammont ta' Lm1,636.45 xehed li dan kien inħareġ fuq isem Falzon & Bianchi għas-saldu tal-kambjali 6, 7 u 8. Spjega li **għall-kuntrarju ta' li kienu jagħmlu, jiġifieri li l-pagamenti jinħarġu favur Amex Co Ltd**, kien ġie xi ħadd li kellu l-kambjala numru 6 f'idu u "*kien qalli biex il-pagament ta' dik il-kambjala minflok li joħroġ fuq Amex Ltd joħroġ fuq il-kumpanija Falzon & Bianchi*". Qal li huwa hekk għamel, anzi ħareġ ċekk għas-saldu tal-kambjali numri 6, 7 u 8 li kienu mmaturaw; madanakollu ngħata biss il-kambjala numru 6 u qatt ma ngħata l-kambjali numru 7 u 8.

33. Kontro-eżaminat qal li fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba kuntratti "*jekk minix sejjer żball*" dawn kienu ġew iffirmati ma' Falzon & Bianchi, iżda qal li dan kien qed jgħidu mill-memorja għax jiftakar li kien hemm talbiet għall-ħlas bil-*letterhead* tal-kumpanija Falzon & Bianchi. Qal li l-pagamenti relattivi għal dawn il-kuntratti nħarġu favur Falzon & Bianchi mhux Amex Co Ltd.

34. **Franco Vella**[25], illum il-General Manager tas-soċjeta` konvenuta, xehed li kien midħla ta' kif kienu jsiru l-ħlasijiet dwar l-appalt in kwistjoni. Qal li parti mis-somma kienet koperta b'kambjali u kienu joħorġu ċekkijiet

[25] xiehda tat-28 ta' Ottubru 2003, fol 162

kontra l-kambjali meta dawn jimmaturaw. **Ikkonferma li Charles Busuttil kien tah struzzjonijiet biex is-soċjeta` konvenuta ma toħroġx ċekkijiet iżjed f'isem Falzon & Bianchi.**

35. Muri l-istatement **Dok G** qal li dan x'aktarx huwa dokument li s-soċjeta` konvenuta bagħtet lis-sur Busuttil. Jgħid li n-notamenti bil-kitba li jidhru fuq dan id-dokument saru minn Kevin Agius.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI dwar l-ilmenti tas-soċjeta` konvenuta appellanti fil-konfront tas-sentenza appellata:**

**L-imgħax ta' Lm1,040 fuq il-kambjali:**

36. L-ewwel ilment tas-soċjeta` konvenuta jirrigwarda l-fatt li fuq id-**Dok G**, li huwa dokument esebit minn Charles Busuttil, u senjatament f'dik il-parti tiegħu li tindika l-bilanċ dovut fir-rigward tal-ewwel kuntratt (cioe` LM6,687.40), hemm inkluża s-somma ta' Lm1,040 rappreżentanti imgħax minħabba morożita` fil-ħlasijiet tal-kambjali. Is-soċjeta` konvenuta appellanti tgħid li ma taqbilx li kellu jiżdied dan l-ammont peress li hija dejjem ħallset il-kambjali regolarment u f'waqthom.

37. Din il-Qorti tħossha ferm perplessa b'dan l-aggravju. Dan għaliex id-Dok G huwa effettivament dokument redatt mis-soċjeta` konvenuta

stess. Il-figura ta' Lm1,040 ġiet indikata minnha mhux biss fuq id-Dok G, iżda wkoll fuq id-Dok F, ukoll redatt minnha. (U kif jirriżulta mill-istatement Dok J redatt mis-soċjeta` Amex Co Ltd, l-istess Amex Co Ltd qegħda taqbel li l-ammont ta' Lm6,687.40 (li jinkludi l-imgħax ta' Lm1040.60) huwa l-bilanċ dovut fir-rigward tal-ewwel kuntratt).

38. Inoltre mhux minnu li l-kambjali dejjem tħallsu regolarment u f'waqthom. Dan jirriżulta mhux biss mix-xiehda ta' Charles Busuttil mis-soċjeta` Amex Co Ltd, iżda adirittura mix-xiehda ta' Kevin Agius, il-financial controller tal-lukanda, li jikkonferma li għalkemm kien ikun hemm kambjali li mmaturaw, ma kinux f'pożizzjoni li jħallsu lil Busuttil fil-ħin stante li kellhom kredituri oħra li kienu qed jistennew qablu.

39. Għaldaqstant dan l-ilment huwa kjarament infondat u bla bażi.

**Il-kambjali 7 u 8:**

40. It-tieni lment tas-soċjeta` konvenuta jirrigwarda l-kambjali 7 u 8. Hija ssostni li dawn tħallsu minnha u għalhekk kellhom jitnaqqsu mill-bilanċ pretiż. Kif fuq spjegat fl-1 ta' Ġunju 1996 is-soċjeta` konvenuta ħarġet ċekk fl-ammont ta' Lm1,636.45 indirizzat lil Falzon & Bianchi. Issostni li dan l-ammont jirrigwarda l-kambjali numru 6, 7 u 8 (fil-fatt is-somma ta' Lm1,636,45 tirrifletti l-ammont kumplessiv tagħhom). L-ewwel

Qorti qieset illi l-kambjala numru 6 tinsab fil-pussess tas-soċjeta` konvenuta u allura kkonsidrat tali kambjala bħala saldata; dan għaliex kambjala sservi ta' riċevuta tal-ħlas, u ladarba l-kambjala tgħajjat lil Amex Co Ltd, qieset li Amex Co Ltd tħallset, anke jekk Busuttil isostni li l-ħlas relattiv baqa' ma wasalx għand is-soċjeta` Amex Co Ltd. Fir-rigward taż-żewġ kambjali l-oħra pero` (il-kambjali 7 u 8, li għandhom import kumplessiv ta' Lm1,087.97, u li kopja tagħhom hija esebita bħala **Dok H**[26]) l-ewwel Qorti kkonsidrat li dawn baqgħu fil-pussess ta' Amex Co Ltd u għalhekk qieset li tali ammont baqa' ma tħallasx. Din il-Qorti taqbel ma tali konklużjoni. Is-soċjeta` konvenuta appellanti taċċenna għall-fatt li kien Alfred Bianchi li kkonvinċiha toħroġ iċ-ċekk favur Falzon & Bianchi, u targumenta li ladarba l-kuntratt tal-4 ta' Settembru 1995 ġie ffirmat sia minn Charles Busuttil kif ukoll minn Alfred Bianchi, allura f'għajnejha Alfred Bianchi seta' jorbot il-kumpanija Amex Co Ltd daqs kemm seta' jorbotha Charles Busuttil. Dan l-argument tagħha pero` huwa rrilevanti tenut kont tal-fatt li l-kambjali ma jinsabux f'idejha.

**Ir-relazzjoni ġuridika fir-rigward tat-tieni, tielet u r-raba' kuntratti:**

41. It-tielet ilment tas-soċjeta` konvenuta huwa in kwantu l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-kuntratti kollha (inkluż it-tieni, it-tielet u r-raba' wieħed) saru bejnha u bejn is-soċjeta` Amex Co Ltd u li konsegwentement il-ħlasijiet li

[26] **Dok H**, fol 68

għamlet is-soċjeta` konvenuta lis-soċjeta` Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd marru kontra r-rabta obligatorja li kellha ma' Amex Co Ltd u ma jgħoddux għall-finijiet ta' din il-kawża.

42. Ma hemm xejn bil-miktub fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba kuntratti. Madanakollu meta s-soċjeta` konvenuta talbet xogħlijiet oħra oltre dawk indikati fl-ewwel kuntratt kienet konsapevoli taċ-ċirkostanzi: cioe` tal-fatt li filwaqt li x-xogħol kien qed jinħadem minn Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd, kienet is-soċjeta` Amex Co Ltd li kienet qed tiffinanzja l-proġett. **Tant hu hekk li oriġinarjament meta rrediġiet il-kuntratt tal-appalt tal-4 ta' Settembru 1995 kienet niżżlet l-isem tas-soċjeta` Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd, iżda wara li spjegawlha ċ-ċirkostanzi, dan ġie alterat, u minflok Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd tniżżel l-isem tas-soċjeta` Amex Co Ltd u għalhekk li l-kuntratt tal-1995 ġie ffirmat ma' Amex Co Ltd.** Għaldaqstant, konsapevoli ta' din ir-retroxena, ma kellhiex għaliex tiddubita li dan l-istess arranġament kellu jkompli anke fir-rigward tax-xogħol addizzjonali. (Fil-fatt Charles Busuttil fix-xiehda tiegħu sostna li l-quotations li kienu joħorġu s-soċjeta` Falzon & Bianchi fir-rigward kienu joħroġu wara li Alfred Bianchi jkun ddiskutihom miegħu). Iżda jekk is-soċjeta` konvenuta kellha xi dubju dwar jekk il-kuntratti tax-xogħlijiet ulterjuri kinux ukoll mas-soċjeta` Amex Co Ltd jew invece mas-soċjeta` Falzon & Bianchi, is-soċjeta` Amex Co Ltd kienet bagħtitilha korrispondenza varja (sa mill-bidu ta' Marzu 1996) biex tagħmilhielha

ċara li l-pagamenti kellhom isiru lis-soċjeta` Amex Co Ltd, u dan mhux biss fir-rigward tax-xogħlijiet relattivi għall-ewwel kuntratt iżda wkoll fir-rigward ta' dawk relattivi għat-tlieta l-oħra. Kellha għalhekk kull opportunita` li tifhem li t-tlett kuntratti sussegwenti kienu wkoll saru ma' Amex Co Ltd. Fi kliem l-ewwel Qorti s-soċjeta` Amex Co Ltd poġġietha "on *notice*" biex hija tkun taf li kull pagament li hija ma tħallasx lis-soċjeta` Amex Co Ltd kien ser jiġi reklamat minn Amex Co Ltd. Minkejja dan hija xorta ħarġet ċekkijiet f'isem Falzon & Bianchi.

43. Issa jidher li internament kien intlaħaq xi ftehim bejn Amex Co Ltd u Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd fis-sens li l-ħlasijiet li s-soċjeta` konvenuta għamlet lil Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd, din tal-aħħar għaddiethom lil Amex Co Ltd. (Prova ulterjuri li t-tieni, it-tielet u r-raba kuntratti kienu wkoll ma' Amex Co Ltd u mhux mas-soċjeta` Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd). Fil-fatt fl-10 ta' Lulju 1996[27] Charles Busuttil għas-soċjeta` Amex Co Ltd kien kiteb lil Franco Vella tas-soċjeta` konvenuta fejn infurmah hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"Dear Mr Vella*
>
> *"We are writing to inform you that **the differences that had arisen between Amex Company Ltd and Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd with regards to payments have been resolved.***
>
> *"The two companies are hereby authorising and directing you to please affect all payments due for joinery works under contract between us dated 4th September 1995 and extensions thereof, executed on behalf of Amex Co Ltd by Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd at Hotel Santana as per our invoices nos: 96/Mar/01, 96/Mar/02, 96/Mar/03, 96/06 and*

[27] Dok SC3, fol 81

*96/07[28] are to be made to AMEX COMPANY LTD ONLY.*

*"Mr Alfred Bianchi is hereby also authorised to collect such payments from you in the form of CHEQUES PAYABLE TO AMEX COMPANY LTD…."*

44. Fil-fatt kif tosserva s-soċjeta` konvenuta appellanti, jekk wieħed jara **Dok J**, (l-istatement tal-bilanċi pendenti, redatt mis-soċjeta` Amex Co Ltd) jidher li ma hemm l-ebda ammont dovut fuq it-tieni kuntratt minkejja li hija kienet ħallset b'ċekk lis-soċjeta` Falzon & Bianchi. Targumenta li l-arranġament li sar bejn Amex Co Ltd u Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd ma jinteressahiex, u tilmenta bil-fatt li fejn is-soċjeta` Amex Co Ltd waslet ma' Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd tgħid li rċeviet il-flus u fejn ma waslitx għadha tippretendi l-ħlas. Iżda dan kollu huwa riżultat tal-fatt li l-istess soċjeta` konvenuta fettlilha tgħaddi l-pagamenti lil Falzon & Bianchi (Mobili) Ltd fl-ewwel lok. Jekk dwar ċertu pagamenti ntlaħaq ftehim internament bejn Amex Co Ltd u Falzon & Bianchi (Mobili) Co Ltd dan huwa sempliċiment fatt ta' vantaġġ għaliha (għas-soċjeta` konvenuta), għax li kieku ma kienx hekk il-bilanċ pretiż mis-soċjeta` Amex Co Ltd kien ikun akbar.

**L-assenjazzjoni ta' Lm364 - imgħax u mhux kapital:**

45. Kif jirriżulta mid-Dok J, li huwa l-istatement redatt minn Charles

[28] Jekk kien hemm xi invoice nru 96/07 dan ma ġiex esebit, fi kwalunkwe każ ma jidhirx li l-ammont mertu tal-kawża jinkludi ħlasijiet fir-rigward ta' tali invoice (ara Dok J)

Busuttil għal Amex Co Ltd, mal-bilanċ ta' Lm10,103.00 ġew miżjuda Lm364 rappreżentanti "*part interest due being assigned to Mark Busuttil*".

46. L-ewwel Qorti, pero` ma qisietx tali ammont ta' Lm364 fil-bilanċ li fil-fehma tagħha kellu jitħallas relattivament għall-erba' kuntratti, u wisq anqas ma kkalkulat imgħax fuqu.

47. Jekk wieħed jara **Dok J**, cioe` l-istatement redatt minn Amex Co Ltd, jinduna li l-ewwel Qorti qieset is-somma ta' Lm8,377.36 (il-bilanċ totali rigwardanti r-raba kuntratti), żiedet magħhom l-ammont tal-kambjali 7 u 8 (cioe` Lm545.48 + Lm542) u ħalliet barra l-ammont tal-kambjala nr 6 għar-raġunijiet fuq mogħtija. B'hekk waslet għall-ammont totali ta' **Lm9,464.84** (u mhux Lm10,136.00 kif jidher fuq Dok J). Jiġi enfasizzat li ma' tali ammont ma żiditx ukoll l-ammont ta' Lm364 li jidher miżjud fuq Dok J.

48. Għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-imgħax fuq l-imsemmi ammont ta' Lm9,464.84, wara li l-ewwel Qorti qieset li meta si tratta ta' obbligazzjoni kummerċjali l-interessi jkunu dovuti mill-jum li fiha l-obbligazzjoni tiġi adempita rriteniet li:

- dwar l-imgħaxijiet fuq il-kambjali 7 u 8, dawn huma dekorribbli mid-dati ta' skadenzi relattivi, u cioe` il-kambjala nru 7 (**Lm545.48**) mill-5 ta'

Mejju 1996; u l-kambjala nru 8 (**Lm542**) mill-5 ta' Ġunju 1996;

- dwar l-imgħaxijiet fuq il-bilanċi tal-appalti fl-ammont kumplessiv ta' **Lm8,377.36**, qieset li dawn ser jiġu aġġudikati mit-28 ta' April 1996, cioe` id-data murija fuq l-aħħar invoice (Dok D4).

49. Għaldaqstant l-ewwel Qorti ma kkalkulatx imgħax fuq imgħax, u lanqas mhu se tagħmel hekk din il-Qorti (kif donnha tinsab preokkupata li din il-Qorti ser tagħmel is-soċjeta` konvenuta).

**<u>Decide</u>**

50. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tas-soċjeta` konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

51. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mis-soċjeta` konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm